

# Is-Santi:

## Devozzjoni Popolari

*Kitba ta' Leonard Azzopardi*

L-Ingliż jgħid li stampa waħda tiswa daqs elf kelma u din tapplika wkoll għas-santi. Is-santa hi mezz ieħor ta' devozzjoni popolari li llum ikolli ngħid m'għadhiex daqstant popolari bħal qabel. Dawn is-santi jirraffiguraw qaddisin, personaġġi jew ġrajjiet partikolari. Hija tradizzjoni li tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra, u hawn min iġemmagħhom.

Din it-tradizzjoni tinsab imxerrda mal-erbat irjieħ tad-dinja, speċjalment fejn hemm il-Kristjaneżmu. Saħansitra fil-Ġappun u ċ-Ċina nsibu santi orjentali fejn Ġesù u l-Madonna jidhru b'kostumi tradizzjonali tagħhom.

Is-santi jiġu stampati fuq karti żgħar, normalment rettangolari. Matul iż-żminijiet dawn ħadu xejra differenti u l-format tagħhom inbidel imma s-sinifikat tagħhom baqa' l-istess.

L-ewwel santi jmorru lura għas-seklu 15 fejn insibu stampi sbieħ ta' Ġesù u l-qaddisin. Dawn kienu jsiru billi l-artist inaqqax l-istampa fuq l-injam, imbagħad jidlikha bil-linka u jistampa bihom fuq il-karti. Dan ix-xogħol kien isir kollu bl-idejn.

Meta ġie vvintat l-istampar bil-magni, is-santi xorta waħda baqgħu jsiru kulur wieħed. Kien f'dan iż-żmien li l-istampar tas-santi beda jsir bi produzzjoni kbira. L-Isvizzera kienet pijuniera fl-istampar ta' dawn is-santi.

Fis-seklu 19, bdew jistampaw is-santi bil-kulur peress li kienu ivvintati magni ġodda li jistampaw b'iżjed minn kulur wieħed. F'dan iż-żmien ħafna stamperiji mal-Ewropa kollha bdew jistampaw is-santi u bdew ħerġin bl-eluf. Bdew jiġu rraffigurati ħafna qaddisin u m'hemmx xi ngħidu, Kristu u l-Madonna. Kienu santi li jgħaxxqu lil kulħadd, ħafna minnhom b'bordura kkulurita u disinni kkumplikati li kienu jagħtu dehra ferm sabiħa lis-santa.

Fuq wara tas-santa jkun hemm xi talba jew il-ħajja fil-qosor tal-qaddis. Ġeneralment f'dawn is-santi kont issib is-simboli assoċjati mal-qaddis. Biex nagħti eżempju, San Ġużepp dejjem kien ikun bil-Bambin u l-ġilju u b'xi għodda tal-mastrudaxxa. L-Appostlu tal-ġnus San Pawl kien ikun bil-ktieb u x-xabla, San Pietru bl-imfietaħ, San Ġorġ jiġġieled lid-dragun, San Bastjan bil-martirju bil-vleġeġ u San Mikiel jisħaq ras ix-xitan. Dawn is-santi kienu jiġu stampati bl-approvazzjoni tal-Knisja u ġeneralment kien ikun hemm marbut magħhom talb u indulġenzi.

Meta kont żgħir niftakar li jien u ħuti s-subien konna niġġieldu biex nifthu l-pakkett tal-kafè taċ-ċikwejra biex insibu s-santa. Kienet tkun battalja għalija ma' ħija Pawlu li kien iġemmagħhom ukoll. Konna ħafna tfal li nġemmgħu is-santi u kulħadd kien ipartat id-doppji. Ta' tfal żgħar li konna, hekk iltqajna mal-ewwel artisti, fosthom Murillo, El Greco, Raphaello u oħrajn. Konna nissaħħru wara dawn is-santi sbieħ riħa ta' kafè jew ċikwejra li tiftaħlek imnifsejk. Ħallina filgħaxija l-mużew tad-duttrina nbiddlu u nixtru b'sold santi mingħand Nardu s-superjur. Kien hemm speċi ta' vetrina żgħira li kien hemm fl-intrata wara l-bieb li din kienet dejjem attrezzata bl-aħħar santi. Mhux darba u tnejn li meta l-prefett jew is-superjur kien iwegħedna xi santa biex noqogħdu kwieti waqt il-lezzjoni, kont tista' tisma' labra taqa' mal-art! Skiet perfett u kulħadd qisu baqqa. Hekk kif kien jagħtina din l-imbierka santa, kont taħseb li ġejja xi rivoluzzjoni bl-għajjat u t-twerżiq. Kienu żminijiet sbieħ li meta tħares lejhom tinduna kemm hi sabiħa l-innoċenza tat-tfulija.

Illum il-ġurnata s-santi nużawhom l-aktar għal xi wegħda, tifkira ta' xi żwieġ, bl-Ewwel Tqarbina, Griżma tal-Isqof u anke għal xi mewt. F'kelma waħda għal kull okkażjoni tas-Sagramenti.

Is-santi mhumiex arti biss, iżda mezz ta' devozzjoni u talb. Ġeneralment fuq wara tas-santi jkun hemm xi talba biex il-qaddis jgħinna u jindukrana. Aħna l-Insara għandna drawwa li s-santi tal-patrun inżommuhom fil-kartiera, fil-karrozza, ħdejn is-sodda u fuq il-post tax-xogħol biex niftakru fil-qaddisin u nitolbuhom. Għalhekk, hija xi ħaġa sabiħa li bħala Nsara nibqgħu nibżgħu għal din it-tradizzjoni sabiex b'hekk ma nħalluhiex tmut maż-żminijiet.




S. GIUSEPPE


San Giuseppe che ave-
ste tanta cura di Gesù, ab-
biate cura anche dell'anima
mia, che io affido a Voi.
9047
DÉPOSÉ


Sancte Joseph,
ora pro nobis


S. GIUSEPPE
Patrono
della buona morte


O Patriarca San Giuseppe
accordateci la vostra perpetua protezione


S. GIUSEPPE
Patrono della Chiesa Cattolica


SAN GIUSEPPE
pregate per noi.


Chi possiede questa immagine
appartiene all'*Opera di*
*San Giuseppe* per tanti
anni quanti sono i cen-
tesimi offerti.


Gesù, Maria, Giuseppe
illuminateci, soccorre i, salvateci


IN HOC SIGNO VINCES
313-1913
IL TRIONFO DELLA FEDE
Ricordo XVI° Centenario dell'editto di Costantino


S. Sebastianus
A-49


S. GIORGIO MARTIRE


S. PUBLIU MARTIRI
Protettur u l'Euel Iskof ta Malta.


SAN MICHELE ARCANGELO


OFFERTA DEL CUORE
MARIA IMMACOLATA
O GESÙ,
fatemi la grazia di conservare sempre in un cuore puro il Sacramento del vostro Amore.
S. AGOSTINO.


ROSES PERFIDES, ROSES D'UN JOUR
A MOI LES FRUITS MÛRS DE LA CROIX.


Assunzione di Maria Vergine